# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Seduta mizmuma llum, 6 ta' April 2016**

**Rikors Numru: 21/16 CSH**

**Joero Limited (C7861)**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Illum, 6 ta' April 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Joero Limited (C-7861) ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2016 fejn esponiet:

*"Illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata quddiem din il-Qorti mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet fil-15 ta' Jannar 2016, l-esponenti giet notifikata b'dikjarazzjoni guramentata ta' Elaine Farrugia ghall-finijiet tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u mitluba thallas is-*

*somma ta' €334.95 bhala "cens dovuti mill-mittenti (sic!), fuq il-Bini tac-Censijiet, Siggiewi u dana ghall-perjodu mill-5 ta' Ottubru 2008 sal-14 ta' Marzu 2010." (Dokumenti A1 u A2).*

*Illi l-pretensjoni tal-intimat hija nfondata fil-fatt u fil-ligi billi l-esponenti m'ghandha taghti xejn lill-intimat fuq il-proprjeta' imsemmija.*

*Illi f'kull kaz permezz ta' kuntratt pubbliku tal-15 ta' Marzu 2010 li bih l-intimat ittrasferixxa d-Dirett Dominju Temporanju c-cens relattiv ghaz-zmien li fadal u s-sussegwenti assoluta proprjeta' wara li jintemm l-imsemmi cens temporanju tal-immobbli fi Triq it-Tabib Nicola Zammit, Siggiewi, li ghalih tirreferi t-talba tal-intimat ghall-hlas ta' cens, il-kontendenti qablu u ntrabtu li "kwalunkwe talba, kontroversja jew tilwim li johorgu minn jew li ghandhom x'jaqsmu ma' dan il-kuntratt jew inkella ksur, it-tmiem jew l-invalidita' tal-istess kuntratt, ghandhom jigu decizi b'Arbitragg ta' Malta kif ikun in forza f'dak il-mument." Konsegwentement il-procedura taht l-artikolu 466 tal-Kodici Civili adottata mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet ghat-talba tieghu ghal hlas tac-cens imsemmi u l-ittra ufficjali imsemmija huma irritwali.*

*Illi f'kull kaz ukoll, il-pretensjoni tal-intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali imsemmija hija legalment preskritta b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2156(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16).*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti qieghda ghall-finijiet tas-subartikolu (2) tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, topponi ruhha ghat-talba tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet ghall-hlas tas-somma ta' €334.95 (tlett mija u erbgha u tletin Ewro u hamsa u disghin centezmu) pretiza minnu bhala cens fuq il-Bini tac-Censijiet, Siggiewi, ghall-perjodu mill-5 ta' Ottubru*

*2008 sal-14 ta' Marzu 2010, u konsegwentement titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tiddikjara l-istess talba tal-intimat bhala wahda infondata.*
*Bl-ispejjez kontra l-intimat."*

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-29 ta' Frar 2016 li permezz taghha cediet l-effetti tal-ittra ufficcjali prezentata fil-15 ta' Frar 206 fl-ismijiet fuq indikati liema ittra saret ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet ipprezentata seduta stante nhar is-16 ta' Marzu 2016 li permezz taghha iddikjara li l-kreditu minnu pretiz fl-ittra ufficcjali pprezentata fil-15 ta' Jannar 2016 mhux dovut u kien ghalhekk li l-effetti tal-istess ittra ufficcjali gew irtirati.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba rikorrenti u tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat Kummissarju tal-Artijiet u konsegwentement tiddikjara li t-talba tal-intimat kif kontenuta fl-Ittra Ufficcjali Numru 85/16 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura jigu sofferti mill-intimat.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**